MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011

Numru. 107/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Chris Pullicino**

**Vs**

**Joseph Incorvaja**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **JOSEPH INCORVAJA**, ta’ tnejn u erbghin sena, iben il-mejjet Alfred u Helen nee’ Bugeja, imwieled Pieta’ fil-15 ta’ Mejju, 1963 u residenti 76, Kuntekinte, Triq il-Hortan, M’Scala, detentur tal-karta tal-identita’ numru 290463(M), gie mressaq quddiemha w akkuzat talli gewwa Haz-Zabbar u f’imkejjen ohra f’dawn il-gzejjer fil-11 ta’ Novembru, 2002 u fix-xhur ta’ wara:

1. Bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkosanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘il quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra,

bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat il jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

3. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghu;

4. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz , jew ta' kwalifiki foloz  jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1,000 bi hsara ta' Rausi Insurance Ltd u/jew persuna/i ohra;

5. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew ufficcjal iehor minnhom inkarigat, li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

6. U aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi kkommettta r- reati hawn fuq imsemmija meta bhala ufficcjali jew impjegat pubbliku kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-16 ta' Novembru 2007 (fol. 185) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.  Rat ukoll li fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2008 gew moqrija l-Artikoli w l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti kollha esebiti, nkluz l-inkjesta redatta mill-Magistrat Carol Peralta, maghluqa w mibghuta lill-Avukat Generali nhar il-31 ta' Jannar 2003, u din il-Qorti kienet ikkonfermat l-esperti nominati fl-inkjesta w ghamlithom taghha tul din il-kumpilazzjoni (fol. 5), w l-

istqarrija rilaxxjata mill-imputat b'mod volontarju nhar l-1 ta' Frar 2006 (Dok. CP 1) esebita fl-atti a fol. 92.

Semgeht ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar is-27 ta' Frar 2006 xehed l-**Ispettur Chris Pullicino** w spjega illi nhar il-11 ta' Novembru 2002 waqt li kien Duty Officer CID gie nfurmat li kienet ghadha kif saret serqa minn dghajsa bl-isem 'Panthera' li kienet fuq l-art, liema dghajsa tappartjeni lill-imputat odjern. Eventwalment jghid li beda bl-investigazzjonijiet tieghu f'dan ir-rigward. Jghid li l-imputat huwa membru tal-Korp tal-Pulizija. Jikkonferma li kien l-imputat stess li kien ghamel ir-rapport tas-serqa w li kien hadlu numru ta' dokumenti sabiex jispjegalu x'kien insteraq, fosthom apparat bhal VHF, fenders tad-dghajsa w zewg Zet drives. Qallu li kellu polza ta' sigurta mas-socjeta' Rausi Insurance u li kien bi hsiebu jaghmel claim maghha. Jghid li huwa tkellem mas-Sur Rausi ghan-nom tas-socjeta' assikuratrici w dan ikkonfermalu li kienu ghaddejjin bil-verifiki taghhom qabel ma l-imputat jithallas.

In segwitu' jghid li rcieva ittra anonima fejn kien gie nfurmat li r-rapport li kien ghamel l-imputat kien wiehed falz u ntiz biss sabiex jakkwista xi flus minghand is-socjeta' assikuratrici. Qal li ghalhekk huwa rega' tkellem mas-Sur Rausi w dan min-naha tieghu qallu li ma kienx konvint li kienet saret din is-serqa, pero' peress li ma kellux provi sabiex jissostanzja dak li kien qed jemmen kellu jhallas. Dan is-Sur Rausi qallu li kien hareg il-flus ta' l-oggeti li allegatament insterqu, pero' dwar iz-Zet drives jghid li c-cekk kien hareg f isem mechanic certu Martin Cassano, li huwa l-mechanic li jahdem bih l-imputat. Jghid li c-cekk kien ta' xi elf lira Maltin (LM1000) u meta tkellem ma' Cassano rrizultalu li dan Cassano kien qallu li kellu l-hsieb li jixtri dghajsa mkissra bi ftit flus u jixtri xi Zet drives ghaliha w jalterahom sabiex joqoghdu fuq din id-dghajsa. Dan Rausi ghaddielu r-rapport tieghu, li x-xhud esebixxa w li gie mmarkat bhala Dok CP.

Ix-xhud imbaghad baghat ghal dan Cassano l-ufficcju tieghu u dan ikkonferma mieghu li ma kienx veru li kienu serqu z-Zet drives tal-imputat. Dan ikkonferma li l-flus minn tal-insurance hadhom hu u bihom inxtrat id-dghajsa bl-isem ‘Jessica’. Mistoqsi ghaliex ma kienx informa lil tal-insuirance li ma kienx minnu li z Zet drives insterqu, Cassano jghid li xtaq jghin lill-imputat.

Fil-31 ta’ Jannar 2003 huwa rega’ baghat ghall-imputat u kkonfrontah b’dak li kien irrizultalu, w dan ammetta mieghu li ma kienx minnu li z-Zet drives kienu tassew insterqu. Jghid pero’ li s-serqa kienet saret u meta kien ra hekk kien irrabjat hafna w iddecieda li jdahhal dawn iz-Zet drives fir-rapport li ghamel. Jghid li sar konfront bejn l-imputat u Martin Cassano w ibnu Christian, u dawn ta’ Cassano kkonfermaw li z-Zet drives li kellhom fil-garage taghhom kienu dawk tal-imputat. Ix-xhud gab ukoll lil Andrew Spiteri fl-ufficcju, li huwa s-sid precedenti tad-dghajsa Panthera, u minhabba l-alterazzjonijiet partikolari li kellhom dawn iz-Zet drives, gharaf li kienu z-Zet drives li kellu fuq id-dghajsa tieghu qabel.

**Joseph Zammit** espert fil-mekkanika nominat fl-inkjesta, xehed fis-27 ta’ Frar 2006 u kkonferma li huwa kien gie nominat bhala espert fl-atti tal-inkejsta dwar serq li sar minn fuq dghajsa, tal-ghamla Fairline li kienet fuq l-art, bl-isem ta’ Panthera. Huwa kkonferma r-rapport li kien ipprezenta fl-atti tal-inkjesta quddiem il-Magistrat Dottor Carol Peralta. Minn ezami tar-relazzjoni tieghu jirrizulta li huwa ta stima ta’ l-oggetti li allegatament insterqu skond il-lista moghtija lilu mll-imputat u skond l-istima tieghu a fol. 57 (dok IJ) jghid li z-Zet drives kellhom valur ta’ LM 2,400 pero’ l-valur tas-serqa jammonta ghal LM 3957. Jghid a fol. 43 ta’ l-atti li ra li z-Zet drives indikati mill-imputat fil-lista tieghu verament ma kinux fuq id-dghajsa meta ezaminaha, ghalkemm il-fittings u l-brackets taghhom kienu ghadhom hemm.

**PS 36 Sergio Azzopardi** xehed fl-istess seduta u kkonferma li kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta bhala Scene of the Crime Officer u kkonferma r-relazzjoni tieghu esebita quddiem il-Magistrat tal-ghassa (fol. 65).

**Nigel Rausi,** Direttur tas-socjeta' Rausi Insurance xehed u kkonferma li l-imputat kien ghamel rapport mieghu fil-11 ta' Novembru 2002, li kienu nsterqulu diversi oggetti minn gewwa d-dghajsa tieghu Panthera li kienet fuq l-art gewwa M'Scala. Ikkonferma li ghamlu claim peress li kien kopert bil-polza tas- sigurta'. Ikkonferma li kienu hallsu kemm lill-imputat kif ukoll lill-mechanic tieghu Martin Cassano u taw Lm20 lil Anthony Dalli li kien hejja Survey Report. Qal li l-flus li taw lil Martin Cassano jirrapprezentaw il-valur ta' zewg Zet drives u x-xoghol li ha sabiex iwahhal zewg Zet drives fuq id-dghajsa wara s-serqa. Mistoqsi minn fejn kien xtara z-Zet drives li Cassano kien wahhallu jghid li ma jafx minkejja li kien staqsieh. Ikkonferma l-identita ta' l-imputat bhala l-istess persuna li kienet ghamlet ir-rapport mieghu.

Illi nhar l-20 ta' Settembru 2006 rega' xehed u esebixxa *breakdown* tal-hlasijiet li saru mis-socjeta' minnu rapprezentata in konnessjoni ma' din is-serqa, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. R (fol. 134).

**John Farrugia,** impjegat mal-Malta Maritime Authority, xehed u kkonferma li d-dghajsa bl-isem Panthera bin-numru 8046 kienet registrata f'iem Joseph Incorvaja ta' 76, Triq il-Hortan, M'Scala w dan sa mis-sena 1999. (fol. 86).

**Martin Cassano** tressaq biex jixhed nhar is-27 ta' Frar 2006 u talab li jigi ezentat milli jaghti x-xhieda teighu peres li kellu proceduri kriminali ghaddejjin fil-konfront tieghu. Il-Qorti kienet laqghet it-talba tieghu.

**Chris Cassano,** bin Martin, xehed u spjega li xogholu hu li jghin lil missieru fil-garaxx tieghu ta' mechanic, u cahad li qatt hadem fuq id-dghajsa bl-isem Panthera, lanqas biex izarma xi Zet drives. Jghid li jiftakar li l-imputat kien mar ghandhom u qalilhom li kien bi hsiebu jixtri dghajsa gdida w kien qalilhom ukoll li kienu serqulu xi affarijiet minn fuq id-dghajsa li kellu. Ikkonferma li wara xi zmien l-imputat kien mar ghandu w mieghu kien ha par Zet drives u kien talbu jaghmel service taghhom u hekk kien ghamel. Jghid

li kien rega' rahom gewwa l-bitha tas-CID meta l-Ispettur Pullicino kien urihomlu, pero' jghid li ma jafx minn fejn kien gabhom l-imputat.

**PS 805 Joseph Galea** ikkonferma li fil-31 ta' Jannar 2006 kien akkompanja lill-imputat u PS 1152 gewwa garaxx fix-xatt ta' l-Isla. Hemmhekk l-imputat kien ghaddielhom zewg Zet drives u kienu haduhom lura lejn id-depot sabiex l-Ispettur Pullicino seta' jkompli bl-investigazzjoni li kien qed jaghmel. **PS 1152 Emanuel Saliba** kkonferma li kien mar ma' PS 805 sabiex jigbor dawn iz-Zet drives u dan fix-xhieda tieghu tas-7 t'Awwissu 2006 (fol. 119).

**WPC 51 Louise Grech** xehdet nhar is-27 ta' Frar 2006 u kkonfermat li l-imputat jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija w fil-fatt igib in-numru PC 413 u ilu hekk ingaggat mal-korp b'effett mit-12 ta' Settembru 1985.

**Ex PS 475 Karl Cassar** xehed u spjega li meta kien ghadu membru fil-Korp tal-Pulizija kien jokkupa l-kariga ta' Surgent u waqt li kien stazzjonat fl-ghassa tal-pulizija ta' Haz-Zabbar kien mar ghandu l-imputat u rraportalu li kienu sterqulu xi oggetti minn fuq id-dghajsa li kellu. Jghid li kien mar jara x'gara w l-imputat kien indikalu dak kollu li kienu serqulu, fosthom xi Zet drives.

**Andrew Spiteri** xehed nhar l-20 ta' Settembru 2006 u kkonferma li xi zmien ilu kienu baghtu ghalih il-pulizija w l-Ispettur kien talbu jekk jaghrafx parti mill-magna li huwa kellu fuq id-dghajsa li kien biegh lill-imputat. Jghid li huwa kellu zewg magni Volvo Penta, w kien bieghhom lil persuna maghrufa bhal l-'Lofti' li kien l-imputat odjern. Qal li huwa kien gharaf dawn iz-Zet drives mill-krakkjatura li kien hemm, u dan wara li kien ghamel xi xoghol fuqhom. Gharaf ukoll it-tapp taz-zejt li kien differenti mill-ohrajn ghaliex kien ghamlu hu. Qal li d-dghajsa kienet tal-ghamla 'Coronett' u kienet ilha ghandu ghal sbatax-il sena w qal li kien bieghha lill-imputat xi sena u nofs qabel ma xehed.

**L-imputat** ma xehedx f'dawn il-proceduri ghalkemm kien irrilaxxja stqarrija nhar l-1 ta' Frar 2006, liema stqarrija

kienet ittiehdet b'mod volontarju w skond il-Ligi w tinsab esebita fl-atti a fol. 92 immarkata bhala Dok CP1. Huwa kkonferma li verament kienet saret serqa w li hadulu diversi oggetti, izda jghid li kienu serqulu affarijiet li kien hemm fuq gewwa tad-dghajsa w li ma kienx minnu li kienu serqulu z-Zet drives, ghalkemm kien irraporta li kienu nsterqulu. Jammetti li kien ghamel rapport falz mas-socjeta' Rausi, ghaliex kien irraporta li kienu serqulu z-Zet drives, meta fil-fatt kien qala' dawn iz-Zet drives minn fuq id-dghajsa xi gimghatejn qabel. Jikonferma li hu qatt ma rcieva l-flus minghand is-socjeta' assikuratrici ta' dawn iz-Zet drives, ghaliex hija kienet qabbdet lill-mechanic tieghu Martin Cassano sabiex jixtrilu par Zet drives godda, pero' jghid li Zet drives godda ma waslulux u lanqas il-flus taghhom ma rcieva. In fatti jghid li lil Cassano kien qallu li ma kienx minnu li kienu serqulu z-Zet drives u li fil-fatt kien hadhom il-garaxx ta' Cassano sabiex jisservisjahomlu. Ikkonferma dak li qal Chris Cassano fil-Qorti w cioe' li kien hu li hadem fuq iz-Zet drives sabiex jaghmel service taghhom u li kienu l-istess Zet drives li kien bieghlu Andrew Spiteri meta bieghlu d-dghajsa. Jghid li z-Zet drives ma kienx wahhalhom fuq id-dghajsa ghaliex kien ghaddej minn hafna problemi, fosthom li tilef lil missieru w ommu mardet u kellu bzonn hafna flus minhabba l-ispejjez li kellu. Ghalhekk kien halliehom fil-garaxx li kellu.

Ikkunsidrat:

Il-fatti fil-qosor ghalhekk huma s-segwenti, w cioe' li l-imputat kien ghamel rapport mal-Pulizija li kienet saret serqa minn fuq id-dghajsa li kellu bl-isem Panthera, w li nsterqulu diversi oggetti, fosthom xi oggetti li ma kienx minnu li nsterqulu, bhal zewg Zet drives. Jigi rilevat li nhar il-11 ta' Novembru 2002 l-imputat kien xehed ukoll bil-gurament quddiem l-espert tekniku Joseph Zammit nominat mill-Qorti fl-atti tal-inkjesta (fol. 47) u kien ikkonferma li kienu nsterqulu zewg Zet drives. Jirrizulta li l-imputat kien ghamel rapport mas-socjeta' assikuratrici tieghu Rausi Insurance li kienu nsterqulu diversi oggetti, fosthom zewg Zet drives.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 110 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w cioe' r-reat ta' holqien qarrieqi ta' provi foloz. F'dan ir-reat l-imputat irid b'qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkun jista' jingieb bi prova kontra persuna ohra sabiex tigi akkuzata kontra s-sewwa. Huwa mportanti li l-malvivent ikun jaf li jkun qed jaghmel hekk b'mod doluz, sabiex il-persuna nnocenti tkun tista' taffaccja proceduri kriminali. L-element materjali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-fatt li bniedem jikkreja b'mod doluz fatt li jista' jintuza bhala evidenza f'kaz kriminali kontra persuna nnocenti. L-element intenzjonali jikkonsisti fl-intenzjoni da parti tal-agent li jara li persuna nnocenti tigi misjuba hatja jew akkuzata b'reat, meta kien jaf li tali persuna hija nnocenti. Dan ir-reat huwa kkonsmat fil-mument li l-elementi materjali w intenzjonali jikkonkorru, irrespettivament jekk persuna tressqitx il-Qorti jew le. Huwa mportanti naturalment li l-vittma ma tkunx il-persuna li ghamlet dan ir-rapport, bhal ma hu f'dan il-kaz. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi** deciza fis-16 ta' Frar 2008 inghad li:-

"*Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 110 (1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta, w jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kkontemplat fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm fatt jew cirkostanza bl-iskop li dan il-fatt jew cirkostanza tkun tista' tingieb bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, gew migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita' kompetenti b'fatti ammontati ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuan hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizzji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna.*"

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju, fid-dawl tas-sentenza fuq citata, illi sabiex jissussisti dan ir-reat, huwa necessarju li l-akkuzat iddenunjza persuna partikolari u attribwielha fatti w cirkostanzi li m'humiex minnhom fil-konfront taghha. Hemm bzonn li tigi denunzjata persuna partikolari sabiex l-istess indizzji materjali li hejja l-akkuzat dolozament ikunu jistghu jintuzaw kontra dik l-istess persuna. Dan l-artikolu ma jipprospettax rapport maghmul *in a vacuum,* izda rapport dirett kontra persuna partikolari sabiex mill-gustizja johloq ingustizzja fil-konfront ta' persuna partikolari. Dan ma jidhirx li huwa l-kaz, kif tajjeb osservat id-difiza, ghaliex l-imputat fir-rapport li ghamel ma indika lil hadd bhala l-allegat halliel. B'hekk din l-ewwel akkuza ma tirrzultax provata.

L-imputat fit-tieni lok gie akkuzat bir-reat dispost fl-artikolu 110 (2) li jipprospetta r-reat ta' holqien ta' reat *sic et simplicite*. Skond is-sentenza fuq citata fl-ismijeit **<u>Il-Pulizija vs David Mizzi</u>** il-Qorti irriteniet li "*Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110 (2) - is-simulazzjoni ta' reat - dan, bhal fil-kaz tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi sempliciment li l-agent ikun iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk elment kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx. Is-semplici fatt li wiehed joqghod fuq dak li jkun qallu haddiehor, minghajr ma jkollu raguni ghaliex jahseb li dak li qallu dak il-haddiehor ma kienx minnu, ma jwassalx ghal dan ir-reat".*

Dan ir-reat ta' simulazzjoni ta' reat huwa differenti mir-reat ta' kalunja ghaliex f'dan ir-reat m'hemmx akkuza specifika kontra persuna specifika, w m'hemmx l-intenzjoni tal-agent li jressaq il-Qorti persuna nnocenti. Il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Anthony Farrugia (2004)</u>** irriteniet li l-artikolu 110 (2) huwa destinat sabiex jikkreja inkonvenjent u pregudizju

lill-awtoritajiet kompetenti ghaliex ikollhom jahlu l-hin sabiex jinvestigaw rapporti dwar reati li fil-verita' ma sehhewx, apparti l-allarm li jikkrejaw lill-pubbliku. F'dan il-kaz l-element intenzjonali jikkonsisti fil-fatt li l-agent iressaq informazzjoni dwar allegat reat li jaf li ma sehhx, u ghalhekk l-intenzjoni specifika hija dik sabiex tizvija l-gustizzja. Dan hu reat formali w hu kkonsmat fil-mument li jsir ir-rapport lill-Pulizija Esekuttiva

Issa f'dan il-kaz jirrizulta, minn ezami tal-okkorrenza, li l-pulizija pprocediet fuq dak li rraporta l-imputat *a tempo vergine* tal-investigazzjoni li huwa stqarr li kienu nterqulu zewg Zet drives u fil-fatt kien wera lill-pulizija minn fejn kienu allegatament insterqulu dawn iz-Zet drives, izda aktar tard ammetta li dan ir-rapport kien falz, fis-sens li ma kienx minnu li nsterqulu dawn iz-Zet drives u li kien irraporta hekk ghaliex kellu problemi finanzjari. Illi dan l-agir zgur li jinkwadra ruhu f'din id-disposizzjoni tal-ligi w ghalhekk jiskatta dak li jiddisponi l-**artikolu 109** kif imsemmi mill-Avukat Generali fl-artikoli mibghuta minnu, li din il-Qorti ghandha tapplika l-provvediment tal-**artikolu 109** tal-Kodici Kriminali w cioe' l-interdizzjoni meta tigi biex terroga il-piena. Dwar dan l-avukat difensur ma qal xejn fit-trattazzjoni tieghu.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif previst fl-**artikolu 295** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa frodi dwar sigurta'. Dan l-artikolu jiddisponi :-

"*kull minn bil-hsieb li jikseb ghalih nnifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' qligh iehor mhux misthoqq, jiddistruggi, jxerred 'l hawn u 'l hemm jew jgharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghu jehel...*"

Dan l-artikolu jfisser li minn jipprova jaghmel qligh illecitu bil-mezz imsemmi fl-artikolu citat, ikun hati ta' reat ikkunsmat, anke qabel ma fil-fatt ikun ghamel dak il-qligh (vide **Il-Pulizija v Hugh sive Ugo Munro** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa w ghoxrin ta' Gunju, 1992).

Fis-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' Ottubru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs**

**<u>Joseph Muscat</u>** inghad li fir-reat ta' frodi dwar sigurta` (jsehh jew ma jsehhx il-hsieb ta' l-agent) ir-reat "*jikkonkretizza ruhhu malli l-agent jaghmel l-att materjali bi hsieb ta' qligh irrispettivament minn jekk il-qligh ikunx sehh jew le, u ghalhekk indipendentement ukoll minn jekk l-agent ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' xi reat iehor intiz proprju biex ikun jista' jsehh dak il-qligh*." Issa f'dan il-kaz l-imputat ghamel rapport ghand il-Pulizija Esekuttiva w iddenunzja serq ta' oggetti li mhux kollha nsterqu, meta kien jaf dan, u in segwitu' ghamel rapport ghand is-socjeta' assikuratrici dwar dan l-istess rapport. Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li ssottomettiet id-difiza meta qalet li la l-imputat ma rcieva l-ebda hlas minghand l-insurance fir-rigward taz-Zet drives, ghalhekk ma jistax jinstab hati ta' dan ir-reat. Jinghad li dan hu ragunament zbaljat, ghaliex una volta l-imputat ghamel ir-rapport ghand l-insurance, ir-reat ikkonkretizza ruhu u ghandu jigi kkusidrat li r-reat hu kkunsmat, meta kien jaf li r-rapport li kien qed jaghmel ma kienx minnu, izda dan nonostante kompla ghaddej bih. Dan ir-reat ghalhekk jezisti wkoll.

Fir-raba' akkuza l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' frodi, kif kontemplat fl-**artikolu 308**. Din il-Qorti, ghal kull bon fini, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Mark Schembri</u>** fejn hemm dettaljatament deskritt l-origini ta' dan r-reat fis-sistema nostrana, kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mil-ligi taghna ghal biex jigi ntegrat r-reat ta' truffa.

Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna, kienu gew mehuda minn **Sir Adrian Dingli** mill-paragrafu 5 tal-**artikolu 430** tal-Codice delle due Sicilie li hu identiku, hlief ghal xi kelmiet insinifikanti, ghal Kodici Franciz (**artikolu 405)**, avolja dan, il-Codice delle due Sicilie, it-truffa kien jsejhilha frodi - del resto anke llum dan d-delitt fil-Kodici taghna, hu indikativ bhala '*frodi b'ghemil qarrieqi'*.

Skond il-gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif presjeduta taqbel maghha, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li gejjin:

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista’ jkun kulhadd inkluz l-imputat.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa, w jikkommetti d-delitt ta' truffa kull min -

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew
c. ta' kwalifiki foloz,
d. billi jinqeda b'qerq iehor, u
e. ingann, jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esiztenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor, jew
i. ta' krediti mmaginarji, jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Fis-sentenza tas-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1895 moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Rex v Vittorio Azzopardi** (vol.XXIX - IV -pg. 398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn **Chaveau et Helie** u anke minn sentenzi tal-Corte di Cassazzione ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju, biex ikun hemm r-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza w sagacja ordinarja, li jridu jikunu frawdolenti w li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajjmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. F'dik is-sentenza ssemmiet wkoll is-sentenza **Regina v Giuseppe Galea** tat-tnax ta' Mejju, 1887 fejn gie stabbilit li :-

*"che per costituire la frode sotta la disposizione di quel articolo 282* (illum 308) *non e' necessario la concorrenza*

*di ambedue i mezzi menzjonati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza din un credito immaginario anche senza un artifizio contrario ai regolamenti"*

Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna. **L-Imhallef William Harding** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nikola Bonnici** deciza fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1944 jghid:-

*"il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha...waslet ghal konkluzzjoni li hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309* (illum 308) *illi dak il-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-merti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza **Regina v Francesco Cachia u Charles Beck** deciza fit-tnejn ta' Jannar, 1896 li fiha intqal li 'quel articolo non richiede solamente una asserzione menzoniera e falza ma richiede inoltre che siano stato impegnate inganno, raggire o simulazione ed e necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

L-**Imhallef Guze Flores** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis deciza minn din il-Qorti fil-wiehed u tletin ta' Ottubru, 1959**, segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhu hekk:

*"Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322* (illum 308) *tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur".*

Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti lil

dawk l-esterjorita’ kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz *mis en scene*. L-istess interpretazzjoni l-Imhallef Flores irrepetiha fis-sentenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet **__Police v Schreiner__** tat-tlieta ta' Mejju, 1956 u fil-kawza fl-ismijiet **__Il-Pulizija v Gerald Parretti__** deciza fis-sebgha ta' April, 1950***.***

Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe’ kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan r-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-**__artikolu 308__** tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "*bi hsara ta' haddiehor"* ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa hemm bzonn li s-sugett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.

Ghal dak li hi definizzjoni jew tifsira x'inhuma akkuzi jew raggiri *(mise en scene)*, id-definizzjnoi moghtija mill-**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di diritto penale*** ( vol 1 - pg. 280) hija bizzejjed :

"*nel suo significato letterale artifizio e' ogni studiato trasfigurazione del vero, ogni cammufamento della realta affettuate sia simulando cio che non esiste ( per ezempio, richezze, titoli, nome, qualita ecc. ) sia dissimulando vale a dire, nascondendo cio che esiste ( per ezempio il proprio stato di insolvenza.)*"

Issa f'dan il-kaz l-imputat kien jaf li ma kienx intitolat ghal flus li kien qed jippretendi minghand l-insurance, izda dan nonostante kkreja c-cirkostanzi biex jiddefroda lill-istess insurance, u ghalhekk huwa bizzejjed li nqeda b'qerq u ngann kif imsemmi fl-artikolu fuq imsemmi 308, u dan billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' kreditu mmaginarju. Il-*mis en scene* f'din il-kawza jammonta ghal dak l-apparat estern li gieghel lill-ufficjal tas-socjeta’ assikuratrici jemmen li kollox kien miexi regolari w ghalhekk una volta kkrejata din il-*mis en scene*

billi ghamel rapport ghand il-pulizija ha sehem f'inkjesta magisterjali u, una volta kkreja dan l-apparat estern, intiz proprju biex jinganna, r-reat in kwistjoni jkun integru.

Dwar il-valur taz-Zet drives jinghad li l-imputat kien ikkalkula li iz-Zet Drives jiswew LM2,400 skond lista tal-oggetti li allegatament insterqu, li giet moghtija lill-espert tekniku fl-atti tal-inkjesta (fol. 57). Illi l-espert tekniku qabel ma' din l-istima tant li zamm l-istess valur. Illi skond id-dokument esebit minn Nigel Rausi huwa hallas is-somma ta' LM1,350 fir-rigward ta' dwn iz-zewg Zet drives u in vista ta' dak li qal l-espert dan l-ammont jidher li huwa reali. Ghalhekk l-artikolu li ghandu japplika f'dan ir-rigward ai fini ta' piena huwa l-artikolu 310 (1) (a). Illi d-difiza ma taqbilx ma' din it-tezi ghaliex tghid li dan id-dokument hu mahrug minn Malcolm Ellul u ghalhekk messu kien hu li kkonfermah. Jinghad li Nigel Rausi huwa d-Direttur tas-socjeta' w ikkonferma bil-gurament tieghu li dawn huma l-hlasijiet li saru mis-socjeta' tieghu fir-rigward tal-claim li kien ghamel l-imputat. Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita lil dan Nigel Rausi, Direttur tas-socjeta' Rausi Insurance f'dan ir-rigward, u ghalhekk sejra tistrieh fuq tali dokument.

Fil-hames lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**artikolu 108 (1)** tal-Kodici Kriminali w cioe' talli ha gurament falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi li jaghti l-gurament. Dan huwa reat serju hafna ghaliex l-iskop ta' punizzjoni ta' tali reat qieghed hemm ghaliex b'gurament falz wiehed qieghed jizvija l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Antolisei jghid:-

*"La ratio dell'incriminazione e evidente . L'autorita guidizziaria per assolvere I suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete affinche possono essere emessi provvedimenti giusti, e cioe conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo fuorviare l'attivita giudiziaria e per questa raggione viene sottoposta a pena*".

Skond l-**Avvocato Falzon** fil-ktieb tieghu **Annotazione alle leggi Criminali Malta, 1822 p. 183** l-elementi ta' dan ir-reat huma tmienja:-

1. testimonianza – xhieda
2. moghtija f'proceduri kriminali jew civili
3. moghtija taht gurament
4. moghtija b'mod legittimu minn awtorita legittima
5. liema xhieda hija falza
6. f'partikular materjali
7. li hija dannuza jew potezjalment dannuza
8. moghtija b'intenzjoni kriminali

Il-prosekuzzjoni qed issostni li dak li l-imputat qal fid-deposizjoni tieghu ta' nhar il-11 ta' Novembru 2002, kif konfermat quddiem il-Perit tekniku Joseph Zammit (fol. 47), jikkostitwixxi gurament falz, waqt li l-avukat difensur isostni li l-espert tekniku Joseph Zammit mhux Magistrat jew Ufficcjal li ghandu s-setgha li jaghti l-gurament, u ghalhekk meta ta l-gurament lill-imputat, huwa ma kellux id-dritt li jamminstra l-gurament u ghalhekk dak li allegatament qallu Incorvaja ma jistax jigi kunsidrat li ntqal taht gurament u konsegwentement ghalhekk ma jistax jinstab hati ta' din l-akkuza.

Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk kienx hemm xi disposizzjoni tal-ligi li awtorizzat lill-Perit Richard Aquilina jamministra l-gurament.

Issa minn ezami tal-process jirrizulta a fol. 17 li hemm digriet moghti mill-Magistrat Inkwerenti fl-atti tal-inkjesta dwar serq minn lancja li kienet sorguta fuq l-art fi Triq Salvu Buhagiar, M'Scala datat 11 ta' Novembru 2002, fejn l-istess Magistrat Inkwerenti kien Dottor Carol Peralta kien innomina lill-Perit Tekniku Joseph Zammti bhala espert tekniku sabiex waqt l-access jaghmel stima tal-oggetti w hsarat in kwistjoni, sabiex jisma' xhieda bil-gurament u jiehu x-xhieda taghhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti kollha relevanti.

Illi ghalhekk dak li ghamel il-Perit Joseph Zammit ghamlu skond digriet tal-Qorti Istruttorja tal-11 ta' Novembru 2002

u ghalhekk huwa espleta l-inkarigu moghti lilu skond l-imsemmi digriet.

Id-difiza sostniet fit-trattazzjoni taghha li fil-kodici m'hemm l-ebda digriet f'dan is-sens li jista' japplika ghall-kaz in ezami. Jinghad fl-**artikolu 548 tal-Kap 9** li jaqa' taht l-intestatura fuq l-ingenere, l-access u r-reperti, l-Magistrat Inkwerenti ghandu l-poter bis-setgha tal-ligi li jinnomina Perit jew espert fl-access sabiex jircievi dokumenti w jisma' xhieda bil-gurament u li jiehu x-xhieda taghhom bil-miktub, u li sussegwentement fuq dawn il-provi w xhieda migbura l-Magistrat Inkwerenti jaghmel Proces Verbal.

Illi ghaldaqstant, m'hemmx dubbju li fil-kaz in ezami, kuntrarju ghal dak li sostna l-avukat difensur, kien hemm setgha bil-ligi li l-Perit Zammit jamministra l-gurament u konsegwentement dak li ghamel, ghamlu skond l-ligi.

Illi minn ezami tax-xhieda li ta l-imputat Incorvaja quddiem l-istess espert tal-Qorti jirrizulta li huwa halef falz meta qal li nsterqulu zewg Zet drives, u ghalhekk il-Qorti qed issibu hati ta' din l-akkuza wkoll u l-piena applikabbli ghalhekk hija dik prospettata fl-**artikolu 108 (1) (a)** tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Illi l-imptuat gie wkoll akkuzat bl-**artikolu 141,** li hija disposizzjoni generali li tapplika ghall-ufficcjali pubblici, li jinsab hati ta' reat meta huwa kellu d-dmir li jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba il-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi. M'hemmx dubbju li l-imputat huwa ufficcjal pubbliku u dan ghaliex meta kkommetta r-reati in kwistjoni kien jokkupa l-kariga ta' Kuntistabbli tal-pulizija fil-Korp tal-pulizija ta' Malta u zgur li wiehed mid-doveri tieghu huwa li jassigura li ma jkunx hemm min jikkommetti reati volontarji, ghalhekk din l-akkuza hija wkoll provata.

**Il-Qorti ghalhekk rat l-Artikoli tal-Ligi w cioe' l-Artikoli 18, 108 (1), 109, 110 (1), 110 (2), 141, 295, 308, 310 (1) (a), 532A, 532B, u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat JOSEPH INCORVAJA hati ta' l-akkuzi kollha salv l-ewwel akkuza, mil-liema akkuza qeghda tilliberah.**

Dwar il-piena l-Qorti rat il-Fedina Penali tieghu li hija wahda relattivament nadifa, salv ghal kontravenzjoni wahda registrata fuqha fis-sena 1983 meta gie kkundannat ihallas multa ta’ zewg Liri Maltin talli pejjep f’post espost ghall-pubbliku, w ghalhekk ghandu jigi trattat daqs li kieku kien ‘*a first time offender*’. Rat is-sentenza moghtija fil-konfront ta’ Martin Cassano mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali nhar it-22 ta’ Lulju 2008 fejn kien akkuzat b’inqas numru ta’ reati w inghata prigunerija ta’ tmintax-il xahar sospizi ghal tlett snin ai termini tal-**artikolu 28A** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Rat illi fil-mument meta kkometta r-reati in kwistjoni kien ghaddej minn perijodu ikrah f’hajtu, tant li tilef lil missieru w ommu mardet serjament. Rat dak li qalet il-Prosekuzzjoni w cioe’ li l-imputat ikkopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni w li l-ammissjoni tieghu fl-istqarrija ghenet hafna sabiex dan il-kaz jitressaq il-Qorti. Rat pero’ li meta l-imputat ikkommetta dawn ir-reati huwa kien jokkupa l-kariga ta’ Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija, w ghalhekk thoss li f’dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja hija l-piena idoneja, pero’ minhabba r-raguniijiet fuq premessi hija sejra tordna li l-piena ta’ prigunerija tigi sospiza, w dan sabiex il-piena sservi ta’ deterrent u zzomm lill-istess imputat ‘il boghod mill-hajja ta’ kriminalita’. **Ghalhekk tiddeciedi li tikkundanna lill-imputat JOSEPH INCORVAJA komplessivament piena karcerarja ta’ sentejn sospizi ghall-perijodu massimu permess mil-ligi ta’ erba’ snin millum, ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabilita’ tieghu taht l-**artikolu 28B** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat iehor, ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-sub artikolu (8) ta’ l-imsemmi Artikolu 28 (A).

**Il-Qorti qieghda tordna l-interdizzjoni generali tal-imputat ai termini tal-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez involuti fin-nomini tal-esperti nominati fl-inkjesta.  F'dan il-kaz din il-Qorti rat li kien hemm diversi esperti nominati w peress li qed issibu hati ta' diversi akkuzi qieghda wkoll tordna li ghandu jhallas l-ispejjez inkorsi.  **B'dan illi ghandu jhallas is-somma ta' mija w erbatax-il Lira Maltin u erbgha w hamsin centezmu bhala spejjez tan-nomina tal-espert tekniku Joseph Zammit u s-somma ta' erbgha w hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu bhala spejjez tan-nomina ta' PS36 Sergio Azzopardi u PC 453 Brian Cassar, b'kollox fl-ammont ta' mija w disgha w sittin Lira Maltin u erba' centezmi ekwivalenti ghal tliet mija w tlieta w disghin Ewro u sitta w sebghin centezmu (€393.76).  Tordna ghalhekk li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jigbor dawn l-ispejjez.  Il-Qorti qieghda taghti zmien sitt xhur millum lill-imputat sabiex ihallas dawn l-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------